MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2008

Numru 1547/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**vs**

**Benjamin Farrugia**

**Illum 24 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Benjamin Farrugia ta' 55 sena bin il-mejjet Paul u l-mejtha Carmela

nee’ Formosa imwieled Sliema fl-10 ta’ Settembru 1952 u joqghod 37 Triq tax-Xtut Qawra, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 899652(M):

Billi gie akkuzat talli bejn Dicembru 2006 u April 2007 f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, b’mezzi kontra il-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi ura haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji , jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta aktar minn mitt lira Maltin (Lm 100) izda mhux aktar minn elf lira Maltin (Lm 1000) ghad-dannu ta’ Marthese Fenech minn San Pawl il-Bahr, ai terminu ta’ l-artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprjajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat ghad-detriment ta’ Marthese Fenech minn San Pawl il-Bahr, ai termini ta’ l-artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli sar recidiv b’sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 03.02.2003, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula, ai terminu ta’ l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok MC3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Mark Simiana ghall-imputat, l-Ufficjal Prosekutur u il-parte civile Marthese Fenech iddikjaraw li jaqblu li rigward dan il-kaz is-somma dovuta lill-parte civile Marthese Fenech da parti tal-imputat hi ta Euro. 2,096.44 ekwivalenti ghall- Lm 900.

Innutat ukoll li l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Maurice Curmi iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Benjamin Farrugia fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Benjamin Farrugia ghall-piena komplessiva ta' sentejn (2) prigunerija u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandhix tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' erba' (4) snin millum l-imputat Benjamin Farrugia jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Inoltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tobbliga lill-imputat Benjamin Farrugia li jhallas lill-parte civile Marthese Fenech fi zmien sitt (6) xhur millum is-somma ta' Elfejn u sitta u disghin Euro u erba u erbghin centezmi ta' Euro (Euro. 2,096.44) ekwivalenti ghall-disa mitt Liri Maltin (Lm 900)

bhala is-somma dovuta lill-parte civile Marthese Fenech da parti tal-imputat rigward dan il-kaz.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Benjamin Farrugia l-ispjegazzjonijiet preskritti fis-sub-artikoli 28A(4) u 28H(7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------